FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' SETTEMBRU, 1996

Avv Nru.336/96

Michael Said ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Marsa Steel Co. Ltd.

vs

Michael Camilleri

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prèzentat fil-15 ta' Lulju, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tlieta u Hamsin Lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm53.31), bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' materjal tal-bini mibjugh lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa ma ppresentax risposta fir-rigward, u meta msejjah lanqas ma deher;

Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Davina Sullivan, li kkonfermat li l-posizzjoni tal-konvenut illum ghada l-istess u li ma thallas xejn.

Ikkunsidra li mix-xhieda mismugha jirrizulta soddisfacentement pruvat li l-ammont in kwistjoni huwa dovut;

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenut jhallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tlieta u hamsin Lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm53.31), kif fuq inghad;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Avv Joseph Refalo

Gudikatur

Vera kopja fotostatika

Dep. Reg.